**A.L. 131 ta' l-1993**

## ORDINANZA DWAR IL-PASSAPORTI (KAP. 61)

### Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Passaporti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar il-Passaporti, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titlu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Passaporti.

Lil min jista' jingħata passaport.

**2.** (1) Jista' jinħareġ passaport Malti lil:—

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini oħra tal-*Commonwealth*, fuq applikazzjoni lill-Uffiċjal tal-Passaporti.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolamenti il-kliem "ċittadin tal-*Commonwealth*" għandhom jiftiehmu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Formuli ta' applikazzjoni.

**3.** (1) Kull persuna ta' sittax-il sena jew iżjed li tapplika għal passaport għandha timla bil-kitba tagħha applikazzjoni fuq formula magħrufa bħala Formula A, li tista' tinkiseb mingħand l-Uffiċjal tal-Passaporti.

(2) Fil-każ ta' tfal taħt is-sittax-il sena li jkun meħtieġ għalihom passaport separat, formula magħrufa bħala Formula B, li tista' tinkiseb mingħand l-Uffiċjal tal-Passaporti, għandha timtela mill-missier u l-omm, tutur/tutriċi jew kuratur/kuratriċi tat-tfal, fil-kitba tiegħu jew tagħha.

(3) Tfal taħt l-eta' ta' tmintax-il sena ma jiġux mogħtija faċilitajiet ta' passaport mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' missierhom u ta' ommhom jew, jekk dawn ikunu t-tnejn mejta, tat-tutur/tutriċi jew kuratur/kuratriċi tagħhom. Jekk, meta l-missier jew l-omm ikun għadu/għadha ħaj/ħajja xi persuna oħra tgħid li tkun tutur/tutriċi jew kuratur/kuratriċi tat-tfal, hija għandha tagħti lill-Uffiċjal tal-Passaporti kopja ta' l-ordni tal-Qorti li tkun tat lilu/lilha l-kustodja tat-tfal.

(4) Jekk persuna li tkun tixtieq timla formula ta' applikazzjoni ma tistax tikteb, il-persuna li timla d-dikjarazzjoni bħala rakkomandant ta' l-applikant tista' timla l-formula ta' applikazzjoni bil-kitba tagħha f'isem min japplika.

Dikjarazzjoni b'sostenn ta' applikazzjoni.

**4.** (1) Id-dikjarazzjoni tar-rakkomandant b'sostenn ta' l-applikazzjoni li hemm fl-imsemmija formuli għandha tiġi mimlija u ffirmata minn ċittadin Malti li jkun Ministru tar-Reliġjon, jew tabib jew persuna li teżerċita l-Professjoni Legali, jew Arkitett, jew Impjegat Ċivili fid-diskrezzjoni ta' l-Uffiċjal tal-Passaporti, jew *Manager* ta' Bank jew xi persuna oħra li, fil-fehma ta' l-Uffiċjal tal-Passaporti, tkun ta' grad simili; ir-rakkomandant għandu jkun jaf personalment lil min japplika għal mill-anqas sentejn minnufih qabel ma jiffirma d-dikjarazzjoni. Iżda jekk persuna li tapplika għal passaport tirrisjedi barra minn Malta jew tkun fil-mument ta' l-applikazzjoni barra minn Malta, d-dikjarazzjoni b'sostenn għal dik l-applikazzjoni tista' tiġi mimlija u ffirmata minn kull ċittadin tal-*Commonwealth* li jkun kwalifikat għal dan l-iskop kif provdut f'dan ir-regolament.

(2) Jekk ma jkunx hemm persuna kwalifikata biex timla d-dikjarazzjoni kif maħsub fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-Uffiċjal tal-Passaporti jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddispensa mill-mili u firmar tad-dikjarazzjoni.

Applikazzjonijiet jiġu preżentati lill-Uffiċjal tal-Passaporti.

**5.** (1) Meta formula ta' applikazzjoni tkun ġiet mimlija f'kull partikolarità, għandha tiġi preżentata lill-Uffiċjal tal-Passaporti flimkien mar-ritratti u dokumenti oħra meħtieġa mill-Uffiċjal tal-Passaporti kif jingħad fil-formula ta' applikazzjoni relattiva. Ir-ritratti u d-dokumenti li jkunu ma' formula ta' applikazzjoni jsiru proprjetà tal-Gvern malli jiġu preżentati lill-Uffiċjal tal-Passaporti.

(2) Meta kunjom ikun kunjom kompost minn aktar minn kunjom wieħed u dawn b'kollox ikunu ta' tul akbar milli teknikament jista' jitniżżel fil-passaport, l-Uffiċjal tal-Passaporti jista' jillimita il-kunjomijiet li jitniżżlu fil-passaport, b'dan li għandu dejjem jinkludi il-kunjom jew il-kunjomijiet predominanti:

Iżda fil-każ ta' mara miżżewġa li tieħu kunjom ir-raġel u żżid kunjomha miegħu, il-kunjom tar-raġel jitqies il-kunjom predominanti.

Passaporti dwar aktar minn persuna waħda flimkien.

**6.** Il-partikolaritajiet ta' tifel/tifla jew tafal taħt l-età ta' sittax-il sena jistgħu jiġu mdaħħla fi jew miżjuda ma' passaport miżmum mill-missier, l-omm, tutur/tutriċi jew kuratur/kuratriċi tat-tifel/tifla fuq talba tiegħu jew tagħha lill-Uffiċjal tal-Passaporti, kemm-il darba, fil-każ ta' tutur/tutriċi jew kuratur/kuratriċi, it-tifel/tifla ma jkunx/tkunx frustier/a. Applikazzjoni għaż-żieda ta' partikolaritajiet ta' tifel/tifla għandha ssir fuq formula magħrufa bħala Formula C, li tista' tinkiseb mingħand l-Uffiċjal tal-Passaporti.

Passaporti jibqgħu proprjetà tal-Gvern u jistgħu jiġu invalidati, eċċ.

**7.** Il-passaporti maħruġa permezz ta' l-Uffiċjal tal-Passaporti għandhom jibqgħu proprjetà tal-Gvern u jistgħu f'kull żmien wara l-ħruġ jiġu invalidati, irtirati jew imħassra.

Applikabbilità ta' passaporti.

**8.** (1) Passaporti jistgħu jinkisbu biss għall-ivvjaġġar fil-pajjiżi msemmija fih, iżda ma jeżentawx lid-detentur tagħhom milli jħares xi liġi jew regolament ta' immigrazzjoni li jkunu fis-seħħ f'xi territorju jew mill-ħtieġa ta' ksib ta' viża jew permess meta jkun hekk meħtieġ mill-liġijiet ta' xi territorju.

(2) F'kull żmien wara l-ħruġ ta' passaport, l-Uffiċjal tal-Passaporti jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, u fuq talba magħmula lilu mid-detentur tal-passaport fuq formula magħrufa bħala Formula D, li tista' tinkiseb mingħand l-Uffiċjal tal-Passaporti, japprova kull passaport validu għall-ivvjaġġar għal pajjiżi oħra b'żieda ta' dawk li jkunu diġà msemmija fih.

(3) Il-pussess ta' passaport maħruġ f'Malta ma jagħtix dritt lid-detentur tiegħu li jerġa' jidħol f'Malta.

Perijodu ta' validità, titwil u tiġdid ta' passaporti.

**9.** (1) Passaporti maħruġa mill-Uffiċjal tal-Passaporti għandhom,bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti:—

(i) ikunu validi għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-ħruġ għal dawk il-persuni li għalqu s-sittax-il sena;

(ii) ikunu validi għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħruġ għal dawk il-minuri li għalqu l-għaxar snin iżda li għadhom ma għalqux is-sittax-il sena;

(iii) ikunu validi għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-ħruġ għal dawk il-minuri li għadhom ma għalqux l-għaxar snin:

Iżda l-Uffiċjal tal-Passaporti jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jispeċifika f'xi passaporti bħal dawk perijodu iqsar ta' validità.

(2) Meta passaport ikun inħareġ għal perijodu iqsar minn kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jista' jiġi mtawwal għall-bqija tal-perijodu kif speċifikat.

(3) Mat-temm tal-perijodi ta' validità kif speċifikati fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jew meta ma jkunx hemm aktar spazju fil-passaport għal approvazzjonijiet jew vizi għal pajjiżi li fihom id-detentur fi ħsiebu jivvjaġġa, għandha ssir applikazzjoni għal passaport ġdid.

(4) Meta ssir applikazzjoni għal passaport ġdid u l-passaport il-qadim jingħata lill-Uffiċjal tal-Passaporti, huwa jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, u jekk dik il-formula ta' applikazzjoni tkun xort'oħra mimlija soddisfaċentement, jirrinunzja għal ħtiġijiet ta' produzzjoni ta' provi dokumentarji u tal-mili tad-dikjarazzjoni tar-rakkomandant.

Ħruġ u estensjoni ta' passaporti.

**10.** (1) Il-passaporti jinħarġu jew jiġu mtawla mill-Uffiċjal tal-Passaporti.

(2) Il-passaporti jinħarġu, jiġu estiżi u jingħataw lil ċittadini ta' Malta f'xi pajjiż barra minn Malta mir-rappreżentanti diplomatiċi jew konsulari tal-Gvern ta' Malta f'dak il-pajjiż jew, f'pajjiż fejn m'hemmx dawn ir-rappreżentanti, minn persuni li jkunu jservu fis-servizz diplomatiku, konsulari jew xi servizz ieħor barrani ta' pajjiż li, b'arranġament mal-Gvern ta' Malta, jkun aċċetta li jirrappreżenta l-interessi tal-Gvern Malti f'dak il-pajjiż jew minn xi persuna oħra, f'kull każ awtorizzata għal dan il-għan mill-Ministru u skond id-direzzjoni, ġenerali jew speċifika, mogħtija għal dak l-iskop mill-Ministru.

Produzzjoni ta' passaporti fid-dħul jew tluq minn Malta.

**11.** Kull persuna li tidħol jew titlaq minn Malta bħala passiġġier għandha tippreżenta l-passaport tagħha għar-reġistrazzjoni fl-Uffiċċju tal-Pulizija fid-Dwana, Lascaris Wharf, il-Belt Valletta fil-każ ta' dħul jew tluq bil-baħar, u fl-Uffiċċju tal-Pulizija fil-Malta International Airport fil-każ ta' dħul jew tluq bl-ajru, jew f'kull post ieħor li l-Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, japprova.

Ħruġ u emendar ta' formuli.

**12.** (1) Kopji tal-formuli msemmija f'dawn ir-regolamenti għandhom jinħarġu bla ħlas mill-Uffiċjal tal-Passaporti lil persuni li jkunu jeħtieġuhom *bona fide*.

(2) L-Uffiċjal tal-Passaporti jista' minn żmien għal żmien jagħmel dawk l-emendi u żidiet fl-imsemmija formuli kif huwa jqis mixtieq jew meħtieġ.

Mili ta' formuli ta' applikazzjoni.

**13.** Applikazzjonijiet meħtieġa b'dawn ir-regolamenti għandhom isiru fuq formuli stampati mogħtija mill-Uffiċjal tal-Passaporti għaldaqshekk, u għandhom, qabel ma jingħataw lill-Uffiċjal tal-Passaporti, jiġu mimlija f'kull partikolarità, u skond kull nota, marka jew direttiva f'xi parti tagħhom, jew f'xi nota marġinali li jkun hemm fihom.

Revoka.

**14.** Ir-Regolamenti ta' l-1962 dwar il-Passaporti pubblikati bl-Avviż Legali 9 ta' l-1962 u kif emendati minn żmien għal żmien, huma b'dan imħassra.